Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-23 ta' Jannar 2024**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Janetta Grixti)**

**Versus**

**Janet Natasha Saliba**
**(291002L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Janet Natasha Saliba**, detentrici tal-karta tal-identita' 291002L.

Akkuzata talli nhar il-5 ta' Ottubru 2021 u fil-gimghat u x-xhur precedenti fiz-Zurrieq;

> Talli b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat;
>
> Bhala sid il-kera jew amministratur tal-fond 14, Maple Leaf, Flat 3, Triq San Pawl, Zurrieq nhar il-5 ta' Ottubru 2021 u fil-gimghat u x-xhud precedenti, bi ksur tal-ligijiet u regolamenti applikabbli, naqset li tirregistra l- kirja tal-imsemmi fond lil Luisa Patricia Lima Miranda mal-awtorita' tad-djar.

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-hatja ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 604 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex thallas il-penali skont il-ligi ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati u cioe' multa ta' mhux anqas minn elfejn u hames mitt euro u mhux aktar minn ghaxart elef Ewro.

A bazi tal-Artikoli 3, 4, 4(2) tal-Kap 604 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2023, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputata.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 3, 4(2) u 22(1) tal-Kapitolu 604 kif ukoll Artikolu 7, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputata **hatja** ta' l-akkuzi migjuba kontriha u qed tikkundannaha ghal-**hlas ta' multa ghas-somma ta' elfejn u hames mitt**

**Euro (€ 2,500), liema multa ghandha tithallas fl-intier taghha f'perjodu ta' tlett (3) snin millum.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**